# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 803/2011**

**Alfred Spiteri**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 t' Awwissu, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi kien impjegat bhala *crane operator* mas-socjeta` intimata;

1.2. Illi fuq inkarigu tas-socjeta` intimata, fl-1 ta' Gunju, 2009, kien qieghed jahdem fuq vapur sorgut fil-*Freeport* Terminal, f'Kalafrana;

1.3. Illi s-socjeta` intimata hi l-principal tar-rikorrenti;

1.4. Illi waqt li kien fil-passagg tal-bastiment *de quo* jidderiegi lill-kollega tieghu permezz ta' radju tfixkel f'xi hadid li mhux suppost li kien qieghed fil-passag tal-vapur;

1.5. Illi konsegwenza ta' l-istess kien ser jaqa` ghal dahru bejn *hatch cover* u ohra;

1.6. Illi hataf kif seta` mal-pilastru ta' *gearbox* li kienet qed tigi merfugha mill-krejn adoperata mill-kollega tieghu biex ma jaqax;

1.7. Illi inzerta li l-istess *gearbox* ma kinitx f'postha, zzerzqet min fuq ic-capep, u b'tisbita, wahda mill-kaxxi tac-capep iccaqalqet u qabdet is-swaba tar-rikorrenti mal-pilastru li kien hataf biex ma jaqax ghal dahru;

1.8. Illi konsegwenza ta' l-istess tilef parti minn zewgt (2) iswaba t'idejh il-leminija u sofra dizabilita` permanenti ta' sittax fil-mija, (16%), (ara certifikat mediku a foll 4 *et sequitur*), u kkonfermata mill-*Industrial Injuries Board*, (ara foll 8);

1.9. Illi minhabba l-istess korriment dam ma jahdem ghal perjodu twil u ghalhekk sofra mid-dhul salarjali tieghu;

1.10. Illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghal dan il-korriment u ghad-danni naxxenti mill-istess, minhabba nuqqas ta' diligenza, prudenza u hsieb, kif ukoll ghaliex ma pprovdietx ambjent sigur ghax-xoghol;

1.11. Illi ghalkemm debitament interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.12. Illi konsegwentement adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghall-incident fuq riferit;

1.12.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-istess incident, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.12.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.12.4. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat iz-17 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu tat id-direttivi hemm elenkati, (ara foll 10);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-8 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

3.1. Illi l-incident in dizamina sehh b'negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' *proper look out* u b'nuqqas ta' diligenza tar-rikorrenti stess waqt xogholu;

3.2. Illi s-socjeta` intimata mhix responsabbli ghall-incident *de quo*;

3.3. Illi l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.4. Salv risposti ohra;

3.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu:

4.1. Innominat assistent gudizzjarju hekk indikata, (ara foll 22);

4.2. Innominat espert mediku hemm ukoll indikat, (ara foll 22);

5. Rat ir-relazzjoni ta' l-espert mediku fuq indikat datata l-20 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 39 *et* sequitur);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-4 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti, (ara foll 78), hatret periti addizzjonali hemm indikati, (ara foll 77);

7. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat l-24 ta' Marzu, 2014, fejn ghalkemm mhux munita bl-ordni debitament rilaxxat biex il-kawza titmexxa minnha kif preseduta, il-process *de* quo gie mghoddi lilha u awtorizzat lill-assistent gudizzjarju inkarigata biex tirritorna l-inkartament (ara foll 105);

8. Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali datata t-8 t'Awwissu, 2012, izda inserita fil-process fis-26 ta' Novembru, 2014, (ara foll 112);

9. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti datat it-13 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu infurmaw il-qorti li kienu qed jikkoltivaw transazzjoni, (ara foll 127);

10. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu *nonostante* l-paragrafu precedenti awtorizzat, lill-kontendenti jipprezentaw nota sal-31 t'Awwissu, 2015;

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-3 ta' Settembru, 2015 (ara foll 129), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata, datata l-5 t'Ottubru, 2015, (ara foll 150);

12. Ezaminat id-dokument kollha esebiti;

13. Rat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont ir-rikorrenti l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti kien ihaddem *Quay Crane* fil-*Freeport*, (ara foll 28), u x-xoghol *de quo* jinqasam f'erba` (4) sieghat bhala *crane operator* u erba` (4) sieghat ohra bhala *deckhand* fuq il-vapur, (ara foll 28 u 75B);

14.2. Illi x-xoghol ta' *deck hand* jew *ship clerk*, (ara foll 28), jirrikjedi lil min ikun hekk assenjat jiddiriegi lill-operatur tal-krejn permezz ta' radju minn fuq il-vapur stess *stante* li min ikun qed jopera l-krejn ikun f'gabina gholja diversi sulari;

14.3. Illi x-xoghol partikulari moghti lill-impjegati kkoncernati jinghata lilhom mill-*Freeport* stess, (ara foll 28);

14.4. Illi l-incident in dizamina sar fit-*Terminal* numru 1 fuq *gantry crane* li ggib in-numru QC 24, (ara foll 28 u 29), wara li r-rikorrenti inghata ordni mis-*senior operator* biex jissosstitwixxi haddiem iehor hemm indikat ghaliex kien wasal il-hin tal-*break* tieghu, (ara foll 29);

14.5. Illi x-xoghol dak il-hin involut kien jikkonsisti f'taghbija ta' *containers* mill-moll ghal fuq il-bastiment, (ara foll 29);

14.6. Illi meta r-rikorrenti tela` abbord kif ordnat isosstni li sab ambjent perikoluz, (ara foll 29), billi kien hemm:

14.6.1. Kanen jigru ma' kullimkien fil-passaggi tal-bastiment;

14.6.2. Apparat iehor goff u tal-hadid uzat ghall-irbit tal-*containers* fosthom:

14.6.2.i. *lashing rods*; u

14.6.2.ii. *bottle screws*;

li ma kienux mahzuna b'mod ordinat;

14.7. Illi pero` l-istess intimat isosstni wkoll li dan hu l-ambjent solitu li wiehed isib meta jahdem abbord bastiment mill-*Freeport*, u li hu kien liebes il-*full safety gear*, (ara foll 31);

14.8. Illi s-socjeta` intimata:

14.8.1. La jkollha *safety officer* abbord;

14.8.2. U lanqas xi impjegat iehor li jassigura li l-impjegati involuti jahdmu minghajr perikoli, (ara foll 29);

14.9. Illi ghalhekk l-impjegati tas-socjeta` intimata huma kostretti jahdmu f'ambjent perikoluz anke minhabba l-fatt li s-socjeta` intimata ma teffettwa l-ebda spejjzjonijiet biex tassigura ambjent idoneu u minghajr periklu;

14.10. Illi in effetti, l-istess rikorrenti jsostni li hadd mill-*Freeport* ma jaghti kaz, (ara foll 29);

14.11. Illi bil-maqlub jidher li l-uniku interess tas-socjeta` intimata hu li l-haddiema involuti jlahqu ma l-ammonti kbar ta' *containers* li jridu jigu mghobbija u fin-nuqqas, il-haddiema jigu penalizzati finanzjarjament, (ara foll 29);

14.12. Illi ghalhekk tali sistema tinstiga l-ghagla fuq ix-xoghol, (ara foll 29);

14.13. Illi waqt li r-rikorrenti kien qieghed jiddiriegi lill-operatur tal-krejn bir-radju minn fuq il-bastiment in dizamina tfixkel f'hadida "li kienet mitluqa tigri fil-passagg tal-bastiment", (ara foll 30);

14.14. Illi din il-hadida "kienet bhal kanna" u kif ir-rikorrenti rifisha, gheleb lura, u kien ser jaqa` bejn il-*hatch covers* tal-bastiment, (ara foll 30);

14.15. Illi proprju f'dak il-mument il-*container* maghruf bhala *gearbox* kien wasal biex jitqieghed f'postu u biex ir-rikorrenti ma jaqax lura, hataf il-pilastru ta' l-istess, (ara ritratt a foll 35);

14.16. Illi rizultat ta' l-istess, wahda mill-kaxxi li kien hemm fuq il-*gearbox* izzerzqet u qabdet zewgt (2) iswaba t'id il-leminija tar-rikorrenti;

14.17. Illi ghalkemm kien liebes ingwanti protettivi dawn ma kienux ta' protezzjoni ghar-rikorrenti, (ara foll 30);

14.18. Illi r-rikorrenti gie mehud il-klinika tas-socjeta` intimata u sussegwentement, wara madwar tlett kwarti, gie mehud l-isptar mis-*safety officer* involut u mhux minn ambulanza, (ara foll 31);

14.19. Illi r-rikorrenti kien operat u effettivament, kagun ta' l-istess, tilef parti mdaqqsa miz-zewgt (2) iswaba` t'idejh il-leminija, (ara foll 31);

14.20. Illi konsegwenza ta' l-istess, ir-rikorrenti dam mill-1 ta' Gunju, 2009, sal-31 ta' Mejju, 2010, barra mix-xoghol – senjatament, tnax (12) -il xahar shah, (ara foll 31);

14.21. Illi ghalkemm fil-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti jsostni li kien qieghed jithallas, pero` tilef l-*overtime*, il-*bonus* u l-*production bonus*, (ara foll 31);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi mill-ezami kliniku kondott mill-espert mediku nominat mill-qorti diversiment preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi rizultat ta' l-incident *de quo* ir-rikorrenti tilef parti minn subghajh il-werrej u parti mis-subgha tan-nofs t'idejh il-leminija, (ara foll 42);

15.2. Illi rizultat ta' l-istess ir-rikorrenti kellu jigi operat, (ara foll 40 u 43);

15.3. Illi r-rikorrenti ghadu jsofri problemi kagunati mill-istess incident, (ara foll 43);

15.4. Illi l-espert mediku *de quo* stabbilixxa li r-rikorrenti allura spicca jsofri minn dizabilita` permanenti ta' tlieta fil-mija, (3%), (ara foll 43);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rizultat ta' peritia addizzjonali appuntata mill-qorti diversament preseduta kif fuq indikat, (ara paragrafu numru sitta, (6.), aktar qabel), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-id il-leminija ta' l-intimat hi l-id dominanti tieghu, (ara foll 120);

16.2. Illi din l-id mhux biss hi sfigurata izda t-tarf tas-swaba effettwati ghadhom sensittivi, (ara foll 120);

16.3. Illi rizultat ta' l-istess isibha impossibbli jaqbad hwejjeg zghar, (ara fol 120), u jaghmel affarijiet ohra li jinvolvu is-swaba in dizamina, (ara foll 121);

16.4. Illi rizultat tal-fatt li n-nervituri fl-estremitajiet tas-swaba involuti huma imhabblin, jista` jaghti l-kaz li r-rikorrenti jkollu bzonn t'operazzjonijiet ohra, (ara foll 122);

16.5. Illi l-esperti medici involuti fil-peritia addizzjonali *de quo* stabbilew li r-rikorrenti allura spicca jsofri minn dizabilita` permanenti ta' erbghatax fil-mija, (14%), (ara foll 122);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi rigward ir-responsabbilita` ghall-akkadut jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi s-socjeta` intimata ssostni li ma kienitx responsabbli ghall-incident, (ara foll 13);

17.2. Illi in sostenn ta' dan ipprezentat kopja tal-*job description*, tar-rikorrenti meta dan gie impjegat mill-istess socjeta`, (ara foll 18);

17.3. Illi skont l-istess dokument is-socjeta` intimata tidher li emfasizzat is-segwenti:

17.3.1. Illi l-krejnijiet u ngenji jithaddmu b'mod efficjenti u bla periklu kif indikat mill-*manager* involut jew min xi hadd nominat minnu, (ara foll 18);

17.3.2. Illi impjegat ghandu jieqaf mix-xoghol f'kaz ta' periklu car, (ara foll 19);

17.3.3. Illi impjegat ghandu jirrapporta lill-ufficcjali involuti kull meta x-xoghol ma jkunx jista` jigi esegwit kif pjanat, (ara foll 19);

17.3.4. Illi ghandu wkoll janticipa kull xoghol relatat m'abbord, (ara foll 19),

Ikkunsidrat:

18. Illi minn ezami tas-suespost, il-kawza ta' l-incident ma tirrizultax li tista` tkun addebitata lir-rikorrenti *stante* li mix-xhieda prodotta jirrizulta li kien qieghed jaghmel ix-xoghol lilu assenjat b'diligenza u bi prudenza, u kien biss ghaliex sab kwantita` ta' kanen f'saqajh li fixkluh u taw bidu ghas-saga in dizamina;

19. Illi *di piu`*, mix-xhieda tas-socjeta` intimata l-allegata nuqqas ta' diligenza tar-rikorrenti ma gietx minnha ppruvata kif trid il-ligi;

20. Illi l-analizi tal-fatti kif fuq esposti jindika bil-maqlub li r-rikorrenti kien qed jahdem b'diligenza u b'esperjenza, u kien biss l-ambjent xejn adattat ta' fuq il-bastiment li kien il-kawza prossima ta' l-incident in dizamina;

21. Illi ta' dan, hi s-socjeta` intimata li hi responsabbli ghall-inkolumita` tal-impjegati taghha, liema responsabbilita` ma tirrizultax li giet imxellfa mill-operat tar-rikorrenti;

22. Illi konsegwentement hi s-socjeta` intimata li hi responsabbli ghad-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi rigward il-likwidazzjoni tad-danni involuti jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi r-rikorrenti jsostni li dan ma setghax jirritorna lura ghax-xoghol qabel il-perjodu ta' tnax (12) -il xahar, (ara foll 31);

23.2. Illi *nonostante* dan l-impediment jirrizulta li baqa` jithallas is-salarju ghalkemm ma kienx jithallas tal-*bonuses* involuti u ta' l-*overtime*, (ara foll 31);

23.3. Illi fl-incident in dizamina r-rikorrenti kellu tletin (30) sena, *stante* li twieled fis-26 t'April, 1979, (ara foll 31);

23.4. Illi skont l-FS3 ta' l-2008 ipprezentata *in atti* r-rikorrenti jirrizulta li kellu paga *gross* ta' wiehed u erbghin elf, tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro, (€41,328.00), (ara foll 31 u 37);

23.5. Illi skont l-istess dokument indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta li hallas l-ammont ta' taxxa ta' disat elef, disa` mija u tlieta u erbghin Ewro, (€9,943.00), (ara foll 36), liema ammont *ai termini* tas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Anthony Azzopardi et vs. Anthony Caruana**, datata l-**4 ta' Mejju, 2015**, ghandu jitnaqqas mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

23.6. Illi ghalhekk l-ammont nett ta' paga annwa qed tittiehed a bazi ta' dik karpita mir-rikorrenti fl-2008 ammontanti ghal wiehed u tletin elf, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro, (€31,385.00), annwi;

23.7. Illi qed jittiehed li r-rikorrenti kien ghad abbundantement fadallu teltin (30) sena ohra fl-impjieg;

23.8. Illi bhala percentagg ta' dizabilita` din il-qorti qed tistrieh fuq ir-relazzjoni addizzjonali *stante* li tirrizulta aktar dettaljata u profonda, u konsegwentement qed tadotta il-percentagg ta' dizabilita` permanenti minnha stabbilit ta' erbghatax fil-mija, (14%), ara foll 122);

23.9. Illi finalment, *stante* li ser jigi ordnat *lump sum payment* ser jitnaqqas l-ammont t'ghaxra fil-mija, (10%), skont il-ligi;

23.10. Illi ghalhekk l-ammont li qieghed jigi likwidat favur ir-rikorrenti hu is-segwenti:

€31,385.00 x 30 sena = 941,550 x 14%

= €131,817 - 10% = €118,636

Ikkunsidrat:

24.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova il-kaz tieghu skont il-ligi, u ghalhekk filwaqt li tilqa` t-talbiet tieghu, tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata u konsegwentement:

**DECIDE:**

24.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata *Malta Freeport Terminals Limited* hi responsabbli ghall-incident in dizamina fuq riferit;

24.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Alfred Spiteri kagun ta' l-istess incident fl-ammont ta' mija u tmintax -il elf, sitt mija u sitta u tletin Ewro, (€118,636.00);

24.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

24.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra is-socjeta` intimata;

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**